

32005D0871

L 320/50

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

8.12.2005

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Diċembru 2005

li teħles id-Danimarka u s-Slovenja minn ċerti obbligi għall-marketing ta' materjali riproduttivi tal-foresti skond id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE

(innotifikata taħt dokument numru C(2005) 4727)

(It-testi bid-Daniż u bis-Sloven biss huma awtentiċi)

(2005/871/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar il-marketing ta' materjali riproduttivi tal-foresti ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-talbiet mressqa md-Danimarka u s-Slovenja,

Billi:

- (1) Skond id-Direttiva 1999/105/KE il-Kummissjoni tista', suġġett għal ċerti kundizzjonijiet, jeħilsu Stat Membru mill-obbligi għall-marketing tal-materjali riproduttivi tal-foresti stabbiliti f'dik id-Direttiva.
- (2) Id-Danimarka u s-Slovenja applikaw biex jinħelsu mill-obbligi tagħhom fir-rigward ta' ċerti speċi tas-siġar.
- (3) Minħabba li l-materjal riproduttiv ta' dawk l-ispeċi mhux riprodott normalment jew kkummerċjalizzat hemm u t-tkabbir tas-siġar tal-foresti ta' dawk l-ispeċi huwa ta' importanza ekonomika minima għalihom, id-Danimarka u s-Slovenja għandhom jinħelsu mill-obbligi skond id-Direttiva 1999/105/KE fir-rigward

ta' l-ispeċi u tal-materjali riproduttivi tal-foresti in kwistjoni.

- (4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar iż-Żrieragħ u l-Materjal ta' Propagazzjoni għall-Agrikoltura, l-Ortikultura u l-Foresterija,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Danimarka u s-Slovenja huma ħielsa mill-obbligu li japplikaw id-Direttiva 1999/105/KE, minbarra l-Artikolu 17(1) għall-ispeċi elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tad-Danimarka u r-Repubblika tas-Slovenja.

Magħmul fi Brussell, nhar is-6 ta' Diċembru 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 11, 15.1.2000, p. 17.

ANNEX

Speċi	Id-Danimarka	Is-Slovenja
<i>Abies cephalonica</i>	x	
<i>Abies pinsapo</i>	x	x
<i>Castanea sativa</i>	x	
<i>Cedrus atlantica</i>	x	x
<i>Cedrus libani</i>	x	x
<i>Fraxinus angustifolia</i>	x	
<i>Larix sibirica</i>	x	x
<i>Picea sitchensis</i>		x
<i>Pinus brutia</i>	x	x
<i>Pinus canariensis</i>	x	x
<i>Pinus cembra</i>	x	
<i>Pinus contorta</i>		x
<i>Pinus halepensis</i>	x	
<i>Pinus leucodermis</i>	x	x
<i>Pinus pinaster</i>	x	
<i>Pinus pinaster</i>	x	
<i>Pinus radiata</i>	x	x
<i>Quercus cerris</i>	x	
<i>Quercus ilex</i>	x	
<i>Quercus pubescens</i>	x	
<i>Quercus suber</i>	x	